

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Augere Holdings (Netherlands) BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Lulju 2012 (Każ R 1848/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Augere Holdings (Netherlands) BV u Ubee Interactive Corp.

### Dispożittiv

(1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

(2) Ir-rikorrenti u l-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll, kull waħda minnhom, in-nofs ta' dawk sostnuti mill-konvenut.

<sup>1)</sup> ĠU C 355, 17.11.2012.

### Rikors ippreżentat fis-16 ta' Jannar 2013 — Senz Technologies vs UASI(Umbrelel)

(Kawża T-22/13)

(2013/C 101/41)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Senz Technologies BV (Delft, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: W. Hoyng u C. Zeri, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Impliva BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-26 ta' Settembru 2012 fil-Każ R 2453/2010-3;

— taċċetta l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġeneral u tiddikjara l-validità tar-reġistrazzjoni tad-disinn Komunitarju rreġistrat taħt in-Nru 000579032-0001;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) sabiex ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: id-disinn "Umbrelel" — disinn Komunitarju rreġistrat taħt in-Nru 000579032-0001

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Impliva BV

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq l-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 6/2002

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milquga

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tad-dispożizzjonijiet magħqudra tal-Artikoli 7(1) u 6, u tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002.

### Rikors ippreżentat fis-16 ta' Jannar 2013 — Senz Technologies vs UASI — Impliva (Umbrelel)

(Kawża T-23/13)

(2013/C 101/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Senz Technologies BV (Delft, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: W. Hoyng u C. Zeri, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Impliva BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-26 ta' Settembru 2012, fil-Każ R 2459/2010-3;

— tilqa' l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġeneral u tiddikjara l-validità tar-reġistrazzjoni tad-disinn Komunitarju rreġistrat bin-Nru 000579032-0002;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) sabiex ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrenti.